

32004R1678

L 301/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.9.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1678/2004**ta' l-24 ta' Settembru 2004****dwar is-sospensjoni tal-kwoti tat-tariffa applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Bulgarija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jstipula l-arranġamenti tal-kummerċ applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/278/KE tad-9 ta' Marzu 1999 relatata mal-konklużjoni tal-Protokoll li jaġġusta aspetti tal-kummerċ tal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea u r-riżultat tan-negozjati agrikoli ta' l-*Uruguay Round*, inkluż titjib fl-arranġamenti preferenzjali eżistenti⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Bulgarija, approvat bid-Deċiżjoni 94/908/KE, KEFA, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' l-Ewropa li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra⁽³⁾, jistipula l-arranġamenti tal-Kummerċ għall-prodotti agrikoli pproċessati li huma elenkati fih.
- (2) Il-Protokoll 3 kien emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-aspetti tal-kummerċ tal-Ftehim ta' l-Ewropa bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Bulgarija⁽⁴⁾, approvat bid-Deċiżjoni 1999/278/KE u emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2002 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Bulgarija.⁽⁵⁾
- (3) Il-kwoti annwali msemmija f'Anness I tal-Protokoll 3 ġew adottati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1446/2002 tat-8 ta' Awissu 2002 dwar is-sospensjoni u l-ftuħ ta' kwoti ta' tariffi applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Bulgarija u li jemenda r-Regolament

(KE) Nru 1477/2000⁽⁶⁾. L-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament isemmi li dawn il-kwoti ta' tariffi għandhom jinfetħu kull sena mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

- (4) Reċentement ġew innegozjati arranġamenti ġodda kummerċjali li għandhom l-għan li jtejbu l-konverġenza ekonomika bi preparazzjoni għall-adeżjoni tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea. Sar ftehim fuq konċessjonijiet fil-forma ta' liberalizzazzjoni sħiħa jew progressiva fil-kummerċ ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati u fuq kwoti mingħajr dazju għal oħrajn.
- (5) Il-konċessjonijiet mogħtija mill-Komunità daħlu fis-seħħ fil-forma ta' miżuri awtonomi u miżuri transitorji fl-1 ta' Ottubru 2004 skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1676/2004 ta' l-24 ta' Settembru 2004 li jadotta miżuri awtonomi u transitorji li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Bulgarija u l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati lejn il-Bulgarija⁽⁷⁾.
- (6) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-kwoti ta' tariffi, miftuħa għas-sena 2004 għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fil-Bulgarija bir-Regolament (KE) Nru 1446/2002.
- (7) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv dwar mistoqsijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati f'Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-kwoti tat-tariffa għal oġġetti li joriġinaw mill-Bulgarija, miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1446/2002, għandha tkun sospiża b'effett mill-1 ta' Ottubtu 2004.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubtu 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 318, tal-20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p.5).

⁽²⁾ ĠU L 112, tad-29.4.1999, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 358, tal-31.12.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 112, tad-29.4.1999, p. 3.

⁽⁵⁾ ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 21.

⁽⁶⁾ ĠU L 213, tad-9.8.2002, p.3.

⁽⁷⁾ ĠU L (għadu mhux ippubblikat).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar l-24 ta' Settembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Olli REHN
Membru tal-Kummissjoni
